MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Numru. 582/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**SAMUEL BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Samuel Borg ta’ 24 sena, bin Ronald u Rita’ nee’ Ellul, mwieled Pita’ nhar l- 10 ta’ Settembru 1986, residenti Binja Indipendenza, Ent. E, Flat no. 8, Triq id- Disgha ta’ Frar 1799, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 434286M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe’ talli;

1) gewwa San Gwann f’ xi hin bejn il- 5 u s- 6 ta’ Ottubru 2010, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom rombli ta’ pajpijiet tar- ram, minn gewwa fond bl- isem Blye Engineering Co. Ltd sitwa fi Triq in- Naxxar, San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi €2,329.37 kif ukoll bil- mezz u dan sar ghad- detriment tad- dirigenti tal- imsemmija kumpanija u/ jew persuni ohra;

2) talli fl- istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju, saq vettura b’ numru tar-registrazzjoni CB424SF, kemm jekk immexxija b’ forza mekkanika kemm b’ mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma kellu l- kunsens tas- sid taghha jew awtorita’ legittima ohra;

3) talli gewwa San Gwann f’ xi hin bejn it- 13 u l- 14 ta’ Ottubru 2010, ikkometta serq ta’ ghaxar cilindr ta’ refrigeration gas minn gewwa fond bl- isem blye Engineering Co. Ltd sitwat fi triq in- Naxxar, San Gwann liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 kif ukoll bil- mezz, u dan sar ghad- detriment tad- dirigenti ta’ l- imsemmija kumpanija u/ jew persuni ohra;

4) akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- ARtikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D datata 18 ta’ Lulju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, ai termini tasl-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza huwa serq minn fabbrika industrijali minhabba fi problema ta' dipendenza fuq id-droga li l-imputat jidher li jbati minnha. Bl-ammissjoni tieghu, din il-Qorti sejra taghi s-sentenza u tikkonsidra l-piena. Il-Qorti semghet lil Dun Manwel Cordina, rappresentant tal-agenzija Oasi, jixhed li l-imputat qed jattendi programm residenzjali biex jittratta l-poblema ta' abbuz ta' droga. Hu spjega kif parti mil-programm jinkorpora li l-imputat isib impieg halli jkollu mezz ta' ghixien u jerfa' r-responsabbilta' ta' ghemilu billi jhallas lura l-hsara li jkun wettaq.

Il-Qorti semghet ukoll lil rappresentant tas-socjeta' derubata, li kkonfermat l-ammont tal-valur tal-oggetti li kienu gew misruqa. Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li parti mir-res furtive kienet giet ritornata lid-derubati, izda l-parti l-kbira kienet gia' mibjugha lil terzi. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, u fid-dawl tal-ammissjoni

bikrija tal-imputat, il-Qorti sejra taghtih l-ahhar opportunita' biex hu jbiddel hajtu dara ghal dejjem. Ghalhekk sejra taghti sanzjoni fil-komunita' biex ma ccahhadx lill-imputat milli jkollu l-opportunita' jikseb l-ghinuna mehtiega biex jeghleb il-problema tad-dipendenza fuq id-droga, u fl-istess waqt torbot lill-imputat ihallas lura l-valur tal-oggetti li hu seraq u li ma rritornax lura.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 261, 267, 263, 279, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai temrinu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------